Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCT 218/15/MS

Raymond Vassallo

vs

Energy Management Solutions

Illum, 18 ta' Jannar 2016

It-Tribunal

Ra t-talba tar-rikorrent tal-4 ta' Novembru 2015.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tal-11 ta' Novembru 2015.

Ra l-atti kollha processwali, sema x-xhieda.

**Ikkunsidra.**

Irrizulta mill-provi illi permezz ta' fattura datata 13 ta Novembru 2013, ir-rikorrent xtara minghad is-socjeta' intimata tmien pannelli ta' 250 watts il-wahda ghal generazzjoni tal-elettriku mix-xemx ghas-somma totali ta' €4,390. Il-bejgh attwali sar qabel u f' Settembru tal-2013 is-socjeta' konvenuta wahhlu dawn il-pannelli fir-residenza tar-rikorrent.

Ir-rikorrent jallega li xi jumejn wara li gew installati, nduna li kien hemm xi tbajja fuq dawn il-pannelli. Ikkuntattja lis-socjeta' intimata u f'Dicembru 2013, Jean Paul Micallef, in rapprezentanza tas-socjeta' intimata spezzjona dawn il-pannelli, ha mieghu apparat elettroniku u filwaqt li seta' jikkonstata dawn it-tbajja fuq il-pannelli pero kienu qeghdin jipproducu l-elettriku b'mod nornali kif kienu intizi li jipproducu. Ir-rikorrent pero, ma kienx kuntent u anke kiteb lis-suppliers fl-esteru li min-naha taghhom kitbu l-isocjeta' intimata b'email (Dok D) fejn spjegaw illi dawn it-tbajja ma kienux diffetti u ma kienux ser jaffettwax l-operazzjoni tal-pannelli. Iddikjaraw li dina ma kenitx 'a guarantee problem' u ziedu jghidu "it is a guarantee problem if the module will get power less (see AC guarantee conditions) in touch with this effect but until the module works normal it is not under guarantee."

Is-socjeta' intimata ukoll ipprezentat f'Dok F ir-rizultati tal-ezami tekniku maghmul fuq il-pannelli fejn dawn indikaw li qed jipproducu tlettax fil-mija aktar milli huma kwotati li jipproducu.

**Ikkunsidra**

Illi jibda biex jinghad illi r-rikorrent mhuwiex preciz fix-xhieda tieghu meta jigi biex jaghti d-dati u z-zmien li nduna b'dawn it-tbajja kif ukoll meta innega illi s-socjeta' intimata qatt giet fuq il-post u rat dawn it-tbajja meta fil-fatt irrizulta illi Jean Paul Micallef kien mar fuq il-post, ra dawn il-pannelli u ghamel ezami tekniku fuqhom. Dan inghad, ir-rikorrent ma gab l-ebda prova li l-pannelli huma b'xi mod diffettuzi u mhux qeghdin jipproducu l-elettriku kif suppost. Anzi irrizulta propju l-oppost illi l-pannelli qeghdin jiffunzjunaw tajjeb f'kull aspett u jipproducu elettriku kif huma intenzjonati illi jaghmlu. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jilmenta minn xi difett latenti illi jaghmlu l-oggett mhux tajjeb ghall-uzu intenzjonat. Li kieku kien hekk ir-rikorrent kien ikollu ragun u jinvoka l-garanzija sabiex il-pannelli jigu mibdula. Izda r-rikorrent imkien ma ighid li l-pannelli mhumiex qeghdin jahdmu kif suppost u jidher li l-ilment tieghu huwa biss estetiku ghax joggezjona ghal dawn it-tbajja fuq dawn il-pannelli. Wara kollox ma rrizultax fi grad li trid il-ligi meta tfaccaw dawn it-tbajja peress illi x-xhieda tar-rikorrent hi pjuttost nebuluza u kontradittorja fejn jirrigwarda dawn it-tbajja. L-emails ukoll huma minghajr data u l-unika data li hemm tirrisasli ghal din is-sena 2015.

Ghalhekk, sakemm l-ilment tar-rikorrent huwa limitat ghalhekk biss m'ghandux riklam kontra s-socjeta' intimata.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedu illi jichad it-talba tar-rikorrenti salv id-dritt tieghu si et quatenus fil-kaz illi l-pannelli ma jiffunzjonawx kif suppost fi zmien tal-garanzija. Bl-ispejjes kontra r-rikorrent.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru